MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 908/1995/2

**Raymond Zammit u martu Silvana Zammit**

**vs**

**Christopher Sammut**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fis-26 ta' Gunju, 1995, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi l-attur Raymond Zammit xtara minghand il-konvenut dghajsa speedboat numru ta' registrazzjoni S 9437 fil-24 ta' Settembru 1994 u dan billi partat il-karozza tieghu Jaguar numru ta' registrazzjoni W-5757 mal-imsemmija dghajsa u ma' karozza Yugo nurmru ta' registrazzjoni V 1102 flimkien ma' ammont ta' flus;

Illi l-konvenut biegh il-Jaguar;

Illi fl-imsemmi negozju l-attur Raymond Zammit u l-konvenut f'dan it-tpartit stmaw id-dghajsa Lm6,000 (sitt elef lira Maltin);

Illi l-konvenut iggarantixxa li l-imsemmija dghajsa hija tajba ghall-uzu u qal lill-attur Raymond Zammit li m'ghandux bzonn jipprovaha;

Illi l-attur Raymond Zammit talab lill-konvenut f'April 1995 meta t-temp beda jiccara sabiex imorru jippruvaw l-imsemmija dghajsa stante li l-istess attur ma kellux biex igorrha u l-konvenut rega' qallu li m'ghandux bzonn jipprovaha ghax tajba u li hu lanqas m'ghandu biex jgorrha;

Illi l-attur ftiehem fil-21 ta' Mejju 1995, ma Noel Grech u Evelyn Grech biex jixtru d-dghajsa;

Illi l-imsemmija Noel Grech u Evelyn Grech ipprovaw l-imsemmija dghajsa l-Hadd ta' wara u cioe fit-28 ta' Mejju 1995;

Illi l-imsemmija dghajsa ma hadmitx u lanqas biss startjat;

Illi l-attur Raymond Zammit u l-istess Noel u Evelyn Grech xi jumejn wara hadu d-dghajsa ghand il-mekkanik u rrizulta li din id-dghajsa kellha difett latenti stante li ghandha l-blokka tal-magna migrufa u piston imtajjar u l-mekkanik informa b'dan kollu lill-attur u lill-konjugi Grech fid-19 ta' Gunju 1995 u informahom ukoll li biex dawn jinbidlu ghandhom bzonn madwar Lm2,600 (elfejn u sitt mitt lira Maltin);

Illi l-attur Raymond Zammit u l-konvenut ftiehmu li jmorru flimkien ghand il-mekkanik sabiex flimkien jaraw il-hsara li fiha l-magna u l-konvenut naqas li jiltaqa' mal-attur Raymond Zammit fil-gurnata u hin miftiehem;

Illi meta l-attur Raymond Zammit cempel lill-konvenut biex jara ghalfejn ma giex, il-konvenut wiegbu li ma kellux ghalfejn jigi ghax qal li kellu x'jaghmel;

Illi l-atturi mhumiex f'posizzjoni li jkunu jafu jekk il-konvenut huwiex mizzewweg ghall-fini li l-konjugi jridu jkunu parti fil-kawza;

Talbu lill-konvenut jghid, ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1 tiddeciedi u tiddikjara li d-dghajsa speedboat numru ta' registrazzjoni S-9437 li l-konvenut biegh lill-attur ghandha difett latenti li jaghmilha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba u li jnaqqsilha daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha, li kieku kien jaf bihom;
2 tiddeciedi u tiddikjara li l-imsemmija dghajsa speedboat numru ta' registrazzjoni S-9437 mhijiex skond il-kwalita' pattwita bejn il-konvenut u l- attur;
3 tikkundanna lill-konvenut jiehu lura d-dghajsa imsemmija u jrodd lura il-prezz tal-istess dghajsa lill-attur li jammonta ghal Lm6,000 (sitt elef lira Maltin);
4 tikkundanna l-konvenut ihallas id-danni u l-imghax fuq is-sitt'elef lira mid-data dovuta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijet tal-konvenut. li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1 Illi fl-ewwel lok kunjomu mhuwiex "Zammit" izda"Sammut";

2 Illi sekondarjament il-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li d-dghajsa in kwistjoni kienet proprjeta ta' missieru John Mary Sammut meta sar it-trasferiment lill-atturi ghalkemm huwa minnu wkoll li it-trasferiment in kwistjoni sar bil-kunsens tal-istess missieru;

3 Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici ma saritx fit-terminu preskritt minn artikolu 1431 tal-Kodici Civili u saret tardivament;

4 Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li meta d-dghajsa in kwistjoni giet trasferita u ghaddiet fil-pussess tal-atturi, kienet f'kundizzjoni tajba u kienet tahdem b'mod normali;

5 Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta-xhieda tal-konvenut;

Rat id-decizjoni in parte moghtija minn din il-Qorti fil-21 ta' Novembru, 2003 illi permezz taghha il-Qorti cahdet it-tielet eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni u iddifferiet il-kawza ghall-provi kollha li kien fadal tal-partijiet dwar il-mertu.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti kollha li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi ghall-habta ta' Gunju 1995 l-attur u certu Noel Grech kienu marru ghand Manwel Schembri marine mechanic, bi speed boat numru ta' registrazzjoni S-9437 u qalulu li ma setghetx tahdem peress li ma rieditx tistartja. Manwel Schembri xehed illi wara li ivverifika l-affarijiet fetah il-magna u sab illi l-piston kien issizjat u is-Cylinder block kien migruf u li qabel ma dawn jinbidlu il-magna tad-dghajsa ma kienitx ser tahdem. Meta ivverifika mal-agent dwar dawn il-parts, sab illi dawn kienu jiswew elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500).

Huwa xehed illi l-hsara kienet ilha hemmhekk zmien mhux hazin.

Illi Aloysius Camilleri, illi jahdem lavrant mal-attur, xehed illi f'Settembru 1994, l-attur xtara speed boat numru ta' registrazzjon S-9437 u mal-ewwel qeghda fix-showroom tieghu u immarkaha ghall-bejgh. Huwa xehed illi l-ispeed boat dejjem baqghet fix-showroom ta' l-attur sa kemm finalment inbieghet f'Mejju 1995 u fil-frattemp qatt ma inharget mix-showroom.

Illi l-attur xehed illi kien ghamel negozju mal-konvenut fis-sens illi l-attur kien ta lill-konvenut vettura tal-ghamla Jaguar numru ta' registrazzjoni W 5757 u ha minghand il-konvenut vettura tal-ghamla Yugo numru ta' registrazzjoni V 1102 id-dghajsa in kwistjoni numru ta' registrazzjoni S 9437 u is-somma ta' hamest elef u tlett mitt lira Maltin (LM 5,300). Huwa xehed illi jaf illi l-konvenut kien biegh il-Jaguar u qal illi fin-negozju illi kellu mal-konvenut kienu stmaw id-dghajsa bhala li tiswa sitt elef lira Maltin (LM6,000). Il-konvenut kien iggarantixxa illi d-dghajsa kienet tajba ghall-uzu u kien qallu li ma kellux ghalfejn jippruvaha u li kien setgha ibieghha lil haddiehor mal-ewwel, izda hu xorta wahda talbu biex jippruvawha f'April 1995 meta t-temp beda jiccara, izda il-konvenut kien qallu li ma kienx hemm bzonn illi isir dan u li lanqas ma kellu biex jigbidha. L-attur xehed illi kien biegh din id-dghajsa fil-21 ta' Mejju, 1995 lil Noel u Evelyn Grech u dawn kienu ippruvaw id-dghajsa il-Hadd ta' wara fit-28 ta' Mejju 1995 u sabu li il-magna tad-dghajsa ma setax jistartja. Kien ghalhekk li hu u il-konjugi Grech hadu d-dghajsa ghand mekkanik. Kien qal b'dan kollu lill-konvenut, li ma riedx imur maghhom ghand il-mekkanik u lanqas ma kien interessat sabiex jara xi hsara kellha. Huwa xehed illi l-mekkanik kien infurmah illi sabiex tissewwa il-hsara fil-magna ried ihallas il-prezz ta' madwar elfejn u sitt mitt lira Maltin (LM2,600). Il-konvenut ma ried jasal ghall-ebda ftehim u ghalhekk l-attur kellu jiftah il-kawza odjerna.

Illi xehed Noel Grech, illi xtara l-ispeed boat in kwistjoni minghand l-attur wara li kien raha fix-showroom tieghu. Huwa xehed illi kien hallas kapparra ta' elf u sitt mitt lira

Maltin (LM1,600), parti mill-prezz ta’ hames telef u tmien mitt lira Maltin (LM5,800) li kien ftiehem li kellu jhallas lill-attur. Is-Sur Grech xehed illi kien ftiehem mal-attur biex imorru jippruvaw id-dghajsa, izda ma setghax innizilha u jippruvaha il-bahar mal-ewwel peress li t-temp kien hazin. Xi gimgha wara, kien nizzel id-dghajsa ix-Xatt ta’ l-Mgarr Ghawdex u ipprova jistartja il-mutur diversi drabi, izda il-mutur beda jiehu u jintefa. Wara diversi attentati kien tella d-dghajsa ‘il fuq, ikkuntattja lill-attur li qallu li l-ghada kellu jikkuntattja lill-konvenut li minghandu kien xtara l-ispeed boad. Sussegwentement, l-attur kien qallu biex jiehu l-mutur ghas-service ghand mekkanik peress illi l-konvenut kien qallu illi l-mutur kien ilu ma jahdem. Ghalhekk kien qala l-mutur minn postu, ghabbieh fuq il-pick-up u hadu ghand il-mekkanik, u mieghu kien mar certu Adrian Darmenia. Il-mekkanik kien talabhom ihalluh hemmhekk sabiex ikun jista innaddaf il-l-karburaturi u jaghtih service u sussegwentement Adrian Darmenia kien mar ghand il-mekkanik. Il-mekkanik kien qalilhom illi l-mutur kien startja, izda ma kienx sodisfatt bil-mod kif kien qieghed jahdem u ghalhekk il-mekkanik qalilhom illi kellu jiftah il-magna. Il-mekkanik, wara li fetah il-magna, sab illi kien hemm il-piston imtajjar u l-hsara kienet tidher illi kien ilha illi grat peress illi l-materjal kien corroded. Huwa kien kellem lill-attur li kellu ikellem lill-konvenut, izda l-attur kien infurmah li l-konvenut ma riedx jara l-hsara u ghalhekk is-Sur Grech ta’ l-ispeed boat lura lill-attur.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut u qal illi huwa kien gieli jaghmel xi negozju mal-attur. Huwa xehed illi d-dghajsa illi huwa kien ta lill-attur kienet proprjeta ta’ missieru John Mary Sammut li kien ilu li xtraha xi sena qabel in-negozju in kwistjoni. Il-konvenut xehed illi xi xahrejn wara li missieru kien xtara din id-dghajsa, hu u certu Paul Zammit kienu ippruvawha fil-bahar u ma kien hemm l-ebda problema fil-magna jew xi haga ohra fid-dghajsa. Wara din l-okkazjoni kienu qeghdu id-dghajsa fix-showroom ta’ missieru u damet hemm sakemm xtraha l-attur. Huwa xehed illi ghalkemm kien innegozja mal-attur sabiex jaghtih vettura Jaguar u hu jiehu karozza Yugo, id-dghajsa u hamest elef

u tlett mitt lira Maltin (LM5,300), kien ghamel dan kollu f'isem missieru illi mieghu kien qieghed jikkonsulta il-hin kollu. Fil-fatt kien missieru li tah il-flus biex ihallas lill-attur. Inoltre, il-vettura tal-ghamla Yugo u d-dghajsa kienu proprjeta ta' missieru. Huwa xehed illi fin-negozju illi ghamel mal-attur kien ghamillu kundizzjoni illi huwa kellu jipprova d-dghajsa sas-26 ta' Settembru 1994, u dana peress illi ghalkemm kien tah il-flus u il-vettura Yugo fl-24 ta' Settembru 1994 u fl-istess gurnata l-attur kien tah il-vettura Jaguar, l-attur kien zamm id-dghajsa fix-showroom ta' missieru, jigifieri ta' missier il-konvenut sas-26 ta' Settembru 1994. F'dik il-gurnata l-attur kien mar ghaliha u kienu miftehmin li kellu inizzilha il-bahar. Huwa xehed illi ma semgha xejn minghand l-attur rigward dan in-negozju u kien biss fis-sajf tal-1995 illi l-attur kien cempillu biex imur mieghu biex jippruvaw id-dghajsa u hu kien qallu li kien messu li ghamel dan hafna qabel. Xi xhur wara, kien cempillu l-attur biex jghidlu li l-persuna li lilha kien biegh id-dghajsa kien qieghed jallega li l-magna kellha l-hsara.

Illi xehed ukoll John Mary Sammut, missier il-konvenut, u qal illi huwa kien akkwista id-dghajsa in kwistjoni fl-1993 u l-intenzjoni tieghu kienet biex ibiegh id-dghajsa. Huwa xehed illi d-dghajsa kienet tiffunzjona sew u dan jafu ghaliex ibnu u Paul Zammit kienu nizzluha u ippruvawha u hadmet minghajr l-ebda diffikulta. Fil-fatt kien zamm id-dghajsa fix-showroom tieghu ma affarijiet ohrajn li kellu ghall-bejgh. Huma kompla jixhed illi meta l-attur kien mar fix-showroom tieghu, ibnu il-konvenut kien ha hsieb in-negozju u qabel ma sar il-ftehim mal-attur, il-konvenut kien tah id-dettalji kollha tal-ftehim u huwa kien tah il-kunsens tieghu biex ikompli u jikkonkludi n-negozju. Fil-fatt kien hareg is-somma ta' hamest elef u tlett mitt lira Maltin (LM5,300) sabiex ibnu jghaddihom lill-attur skond il-ftehim. Huwa xehed illi kien jaf illi l-ftehim bejn ibnu u l-attur kien illi l-attur kellu imur jipprova id-dghajsa meta jehodha mix-showroom, u dan bl-iskop li jivverifika li d-dghajsa tahdem u hu ma jibqghax responsabbli ghal xi danni jew hsarat li jistghu jigu ikkawzati meta d-dghajsa tkun f'idejn l-attur. Huwa xehed illi din hija procedura normali kif jaghmlu n-negozju u kull haga li ibieghu tigi ippruvata qabel ma tohrog mix-showroom, sabiex b'hekk

ma jibqghux responsabbli ghal dak illi jigri meta l-oggett ikun ghadda fil-pussess ta' haddiehor.

Illi l-attur rega' xehed u qal illi meta kienu qeghdin isiru n-negozjati mal-konvenut, huwa fl-ebda hin ma gie infurmat mill-konvenut illi d-dghajsa ma kienitx tieghu. Huwa xehed illi l-kuntratt relattiv illi ghamel gie iffirmat mal-konvenut u ma hemm l-ebda indikazzjoni li il-konvenut kien qieghed jiffirma ghan-nom ta' xi haddiehor. Huwa qal ukoll illi kien jaf li missier il-konvenut kien fl-istess linja ta' negozju. Huwa xehed illi d-dghajsa kien xtraha mix-showroom, izda ma kienx jaf ta' min kienet ix-showroom.

Illi l-ftehim in kwistjoni jinsab esebit a fol. 42 tal-process u il-Qorti rat illi effettivament, mill-istess ftehim, minn imkien ma jirrizulta illi d-dghajsa tappartjeni lil xi hadd hlief lill-konvenut.

Illi in kontro-ezami l-attur ikkonferma illi minn Settembru tal-1994 sa Mejju tal-1995 qatt ma ipprova id-dghajsa, izda cahad illi kien hemm ftehim fis-sens illi kellu jipprova id-dghajsa fil-granet illi xtraha. Huwa qal illi ghandu showroom u ibiegh il-vetturi u illi fil-fatt kien biegh id-dghajsa in kwistjoni f'Mejju 1995 u sa dak il-hin kien ghadu qatt ma ippruvaha. Meta kienu gabulu d-dghajsa lura, kellu jaghti lura d-depozitu, u fir-rigward ta' dan kollu kien ghamel ftehim mat-terz li kien xtara d-dghajsa minghandu. L-attur ikkonferma wkoll illi minn meta xtara d-dghajsa in kwistjoni sa kemm bieghha lil Grech kien dejjem zammha fix-showroom tieghu.

Illi l-Qorti rat il-verbal tat-23 ta' Marzu 2000 minn fejn jirrizulta illi l-konvenut irtira t-tieni eccezzjoni rigwardanti l-legittimu kontradittur in vista tad-dokumenti li gew esebiti waqt il-kawza.

Illi l-attur xehed illi huwa matul il-hin kollu illi id-dghajsa in kwistjoni kienet ghandu sa kemm bieghha, qatt ma ippruvaha peress illi, skond hu, kellu il-garanzija minn naha tal-konvenut illi kienet tajba u peress ukoll illi ried illi meta jippruvaha ikun hemm prezenti il-konvenut sabiex jekk ikun hemm xi difett ikun jaf biha mal-ewwel.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur in kontro-ezami rega xehed illi meta giet ippruvata id-dghajsa hu ma kienx mal-konvenut, izda il-konvenut kien mar wahdu jipprova d-dghajsa. Huwa ikkonferma ukoll illi n-negozju ma kienx jinvolvi biss flus kontanti, izda ukoll zewg vetturi, wahda tal-ghamla Jaguar u l-ohra tal-marka Yugo. Huwa xehed illi kien biegh id-dghajsa in kwistjoni lil Noel Grech minghajr ma kien ippruvaha. L-attur, meta gie mistoqsi ghalfejn zamm id-dghajsa ghandu ghal diversi xhur minghajr ma ippruvaha, jew gab mekkanik biex jara l-magna, qabel ma bieghha lil terzi, qal illi ghamel dan ghaliex il-konvenut kien qallu li l-magna kienet tajba u ghalhekk huwa kien fdah.

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi d-dghajsa mertu ta' din il-kawza baqghet qatt ma giet depozitata fir-registru tal-Qorti mill-atturi.

Illi l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-eccezzjonijiet tal-konvenut fid-dawl tat-talbiet attrici.

Illi l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut peress illi din l-istess eccezzjoni giet irtirata minnu.

Illi l-Qorti rat ukoll illi, kif imsemmi aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, hija diga tat sentenza illi permezz taghha cahdet it-tielet eccezzjoni tal-konvenut. Ghalhekk jifdal biss illi jigu ezaminati it-tieni u r-raba eccezzjonijiet.

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, il-Qorti rat illi gie ippruvat illi n-negozju illi permezz tieghu id-dghajsa ghaddiet ghand l-attur sar unikament bejn l-attur Raymond Zammit u il-konvenut u t-tnejn li huma dehru f'isimhom personali. Irrizulta wkoll illi il-konvenut qatt ma qal jew b'xi mod iehor informa lill-attur illi huwa kien qieghed jidher fin-negozju in kwistjoni ghan-nom ta' missieru.

Illi anke minn ezami tal-kuntratt in kwistjoni, jirrizulta illi n-negozju sar unikament bejn l-attur u il-konvenut. Ghalhekk il-Qorti sejra tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

Illi jifdal ghalhekk biss ir-raba eccezzjoni, u cioe' li fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li meta d-dghajsa in kwistjoni giet trasferita u ghaddiet fil-pussess tal-atturi, kienet f'kundizzjoni tajba u kienet tahdem b'mod normali.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 1424 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk :
"Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha, illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom."

Illi l-Artikolu 1425 tal-Kap. 16 ighid :
"Il-bejjiegh ma jwegibx ghad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom wahdu."

Illi l-Artikollu 1426 tal-Kap. 16 ighid :
"Izda, huwa jwiegeb ghad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f 'dan il-kaz, m'ghandux ikun obbligat ghal ebda garanzija."

L-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili jghid :
"Fil-kazijiet imsemmijin fl-artikoli 1424 u 1426, ix-xerrej jista' jaghmel, billi jigi quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti."

Ikkunsidrat :

Illi l-attur qieghed jitlob fit-tielet talba tieghu ir-radd tal-flus lura, liema flus jammontaw ghas-somma ta' sitt elef lira

Maltin u talab illi l-konvenut jiehu lura il-cabin cruiser in kwistjoni.

Illi ghalhekk jirrizulta illi t-talbiet tal-attur jinkwadraw precizament l-actio redhibitoria u mhux l-actio aestimatoria.

Illi irrizulta mill-provi, kemm mix-xhieda tas-Sur Testone kif ukoll minn dik ta’ Raymond Zammit stess, illi d-dghajsa in kwistjoni qatt ma giet depozitata il-Qorti.

Illi l-Qorti f’dan ir-rigward rat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-12 ta’ Marzu 2007 fl-ismijiet Holistic Technologies Limited vs Delta Malta Limited u sentenza fil-kawza fl-ismijiet Diacono vs Galea Vol. X111 Part 11 Page 59 fejn il-Qorti qalet hekk :

“se il compratore riceve la merce e la tratiene senza reclamo, si deve presumere che egli sia sodisfatto della qualita della stessa. L’azione redibitoria e la estimatoria, trascorse inutilmente i termini stabiliti per loro esercizio dell’articolo 1145 del Ordinanza V11 1868, non possono opporsi, neppure in via d’eccezione, al venditore che reclama il pagamento del prezzo.”

Illi l-Qrati taghna dejjem enfasizzaw l-obbligu tax-xerrej illi jiddepozita formalment fir-registru tal-Qorti l-oggett aflitt minn difetti mohbija, sabiex b’hekk l-oggett ikun jista jigi ritornat lill-bejjiegh fl-istess kundizzjoni jew stat li fiha kien meta gie milqugh il-ftehim in kwistjoni.

Illi l-Qorti rat ukoll f’dan ir-rigward sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Emanuele Borg Cavalieri vs Carmelo Petroni noe moghtija fid-29 ta’ Jannar 1954 fejn il-Qorti qalet illi :

“Meta il-venditur jikkonsenja l-haga mibjugha lill-kumpratur, b'daqshekk hu ma jadempix l-obbligi kollha tieghu in forza tal-kuntratt; u minghajr bzonn ta' stipulazzjoni specifika, tant fil-bejgh ta' immobili, kif ukoll fil-bejgh ta' mobili, huwa ghandu certu obbligi ulterjuri,

cioe' dak tal-pussess pacifiku, u dik li tirrigwarda l-vizzji jew difetti tal-haga mibjugha.

Bil-garanzija dwar il-vizzji okkulti, il-venditur hu tenut jirrispondi ghall-vizzji jew difetti okkulti li jirrendu l-istess haga mhix tajba ghall-uzu li ghalih hija destinata, jew inaqqsu dak l-uzu b'mod illi, kieku l-kumpratur kien jaf bihom, ma kienx jixtriha, jew kien joffri prezz anqas.

Illi meta jivverifika ruhu l-konkors ta' l-estremi kollha mehtiega ghal din il-garanzija, jigifieri li l-vizzji jew difetti ikunu gravi, okkulti, u pre-ezistenti, il-kumpratur jista' jaghzel bejn li jitlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh jew li jzomm il-haga u jitlob lura parti mill-prezz korrispondenti ghall-valur nieqes. Il-venditur mhux tenut jiggarantixxi lill-kumpratur li l-haga mibjugha hija ezenti minn kull vizzju jew difett, imma biss li hija ezenti minn difetti okkulti kif inghad aktar ‘il fuq fil-gudikat. Imma n-natura, apparenti jew okkulta, tal-vizzju ghandha tigi kunsidrata in rapport tal-kapacita' u konjizzjoni komuni tal-bnedmin; u mhux bizzejjed, biex vizzju jigi ritenut apparenti, ic-cirkustanza li s-sussistenza tal-vizzju tista' tigi rilevata minn bniedem ta' l-arti jew perit.

Illi dak li jimporta huwa eskluzivament l-istat u l-kondizzjoni tal-haga fil-mument meta din tghaddi ghar-riskju u perikolu tal-kumpratur; u min ihallas il-prezz gust ta' haga gdida ma ghandux jigi kostrett jikkuntenta b'haga msewwija, kbira jew zghira kemm tkun dik it-tiswija. Il-karattru tal-gravita' huwa relattiv, specjalment fil-kaz ta' apparati delikati, bhal per ezempju apparati domestici.

Ikkunsidat :

Illi l-Qorti rat illi biex tirnexxi kawza fuq il-bazi ta' difett mohbi jridu jigu ippruvati tlett elementi dwar id-difett u cioe` (1) illi d-difett huwa difett serju (2) illi d-difett huwa mohbi u (3) illi kien jezisti fi zmien il-bejgh. Jekk ma ikunx hemm difett mohbi l- action redhibitoria ma tirnexxix. Ghalhekk il-venditur mhux responsabbli ghal xi difett li kien jidher fil-mument tal-bejgh. Fl-ezami ta' l-oggett biex wiehed jinduna bid-difett id-diligenza trid tkun dik ta’ bonus paterfamilias.

Illi ghall-finijiet tal-actio redibitorja, d-difett irid ikun oggettivament serju. Difett ikun mohbi meta xerrej ta' dehen ordinarju li jaghmel ezami ghaqli tal-haga mixtrija bil-hsieb ta' bonus paterfamilias, ma jkunx jew ma kienx f'qaghda li jista' jintebah bih fil-waqt tax-xiri. Izda jekk difett ikun wiehed li jista' jidher jekk isir ezami xieraq, ma jibqax aktar difett mistur, ukoll jekk, mad-daqqa t'ghajn, ma jkunx jidher. B'mod partikolari, xerrej ma jistax jilghabha tal-injorant fit-teknika jew fil-kumplessita' tal-haga mixtrija biex jehles mill-obbligu li jifli b'ghaqal il-haga minnu miksuba. Kemm hu hekk, jekk xerrej m'ghandux il-hila li jifli sewwa l-haga mixtrija, ghandu jdur ghall-ghajnuna ta' persuna midhla jew imharrga f'dak l-oggett. (Vide sentenza deciza minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet J. Belli vs E. Seychell fil-25 ta' Gunju, 1990.)

Ikkunsidrat :

Illi f'dan ir-rigward, jirrizulta mill-provi illi meta l-attur xtara il-cabin cruiser minghand il-konvenut, skond ix-xhieda ta' l-istess attur, huwa halla d-dghajsa bil-mutur b'kollox fix-showroom tieghu minghajr ma qatt haddem il-magna u minghajr ma qatt ippruvaha sabiex jara jekk fil-fatt kienitx tahdem. Id-dghajsa damet fix-showroom tal-attur ghal tmien xhur shah u bieghha lil terzi bil-kelma li kienet fi stat tajjeb u b'dan il-mod il-Qorti tara illi l-attur iqieghed lilu innifsu f'sitwazzjoni fejn irrinunzja ghal kull pretensjoni ta' azzjoni ghal difett okkult.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta ukoll illi l-attur qabad u xtara d-dghajsa in kwistjoni minghajr ma ikkonsulta ma esperti jew persuni teknici sabiex jikkonstata l-istat tad-dghajsa u tal-magna taghha. Huwa qaghad semplicement fuq il-kelma tal-konvenut illi d-dghajsa u l-magna kienu fi stat tajjeb.

Illi l-attur qabel ma bieghha lil terzi, mhux talli ma ippruvax l-imsemmija dghajsa bil-magna, izda lanqas biss indenja ruhu jaghmlilha service, u dan meta hu fatt risaput illi meta

magna ta’ dghajsa tkun ilha zmien twil ma tithaddem facilment tista issirilha il-hsara.

Illi l-magna ittiehdet ghand mekkanik wara illi mar ihaddimha Noel Grech u minghajr qabel ma kien sarilha service u ghalhekk il-Qorti ma tistax tistabbilixxi jekk kienx l-istess Noel Grech li ikkaguna l-hsarat illi instabu fil-blokka tal-magna u il-hsarat fil- piston bil-konsegwenti nuqqas ta’ startjar tal-magna.

Ikkunsidrat :

Illi mix-xiehda tal-konvenut irrizulta illi hemm diskrepanza fil-verzjoni moghtija mill-attur, fis-sens illi meta l-konvenut ivverifika ma Bernard Camilleri, illi l-attur allega li kien qal illi l-magna qeghda tistartja u tintefa u li kellha il- piston issizjat, dan Bernard Camilleri kien informa lill-konvenut li dan ma setghax ikun peress illi jekk il- piston ikun issizjat il-magna ma iddurx u ma ikollok l-ebda sinjal ta’ startjar tal-magna.

Illi huwa minnu illi jekk il-piston kien issizjat il-magna ma tistax tistartja u tintefa ghaliex lanqas biss tista tistartja fl-ewwel lok.

Illi l-Qorti ezaminat ukoll ix-xiehda ta’ Paul Zammit illi ikkollabora ix-xiehda tal-konvenut fis-sens illi huma kienu nizzlu d-dghajsa il-bahar u kienet perfetta kemm fl-istartjar fis-sewqan u kif ukoll fil-mutur u dan qabel ma id-dghajsa ghaddiet ghand l-attur.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-attur ma irnexxielux jipprova l-ezistenza ta’ l-elementi mehtiega mill-ligi sabiex tirnexxi kawza ta’ difetti latenti u dana peress illi ma ippruvax illi d-difett in kwistjoni, anke li kieku verament ezista fil-mument illi d-dghajsa ghaddiet ghand l-attur, kien difett illi li, kieku sar ezami xieraq tad-dghajsa u tal-mutur, kien xorta wahda jibqa difett mistur.

Illi li kieku l-attur indenja ruhu iqabbad persuna teknika sabiex tezamina u tipprova d-dghajsa bil-mutur in kwistjoni, li kieku verament kien hemm id-difett imsemmi,

bniedem tekniku u forsi anke bniedem ta’ dehen ordinarju kien certament jinduna bid-difett.

Illi kif diga intqal, xerrej ma jistax jilghaba tal-injorant fit-teknika jew fil-kumplessita tal-haga mixtrija biex jehles mill-obbligu li jifli bil-ghaqal il-haga minnu miksuba.

Illi wisq anqas ma jista jitfa r-responsabbilta fuq il-bejjiegh u jghid illi una volta il-bejjiegh qallu illi kienet fi stat tajjeb allura setgha jezumi ruhu minn kull responsabbilita illi jezamina l-oggett illi kien qieghed jixtri.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-elementi ta’ l-azzjoni redhibitoria ma gewx ippruvati mill-atturi u dana peress illi ma giex ippruvat illi d-difett in kwistjoni kien wiehed mistur u lanqas ma gie ippruvat illi kien diga jezisti fil-waqt tal-bejgh.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-ewwel eccezzjoni, u filwaqt ukoll illi, kif diga intqal, it-tielet eccezzjoni diga giet michuda minn din il-Qorti, tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, izda tilqa ir-raba eccezzjoni tieghu u konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici; bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------